MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 19/2010

**Francis Cachia (ID Nru 388428M)**

**vs**

**Reverendu Adrian Cassar Pulis (ID Nru 489861M)**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur:

Illi r-rikorrenti huwa l-proprjetarju tal-fond bin-numru 25, Flat 1, Oratory Street, Senglea li kienet rekwizzjonata u allokata lill-intimat Reverendu Adrian Cassar Pulis bil-kera ta’ mitejn u sitta u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€256.23) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem l-iskadenza li jmiss taghlaq fit-12 ta’Novembru 2010;

Illi din il-proprjeta' giet de-rekizizzjonata fil-11 ta' Gunju 2007 kif jidher mill-anness certifikat hawn esebit u mmarkat Dok E, izda l-intimat irrifjuta li jaghti lura c-cwievet lir-rikorrent;

Illi l-fond in kwistjoni mhuwiex ir-residenza primarja tal-intimat, izda fil-fatt dan il-fond jinsab vojt peress li l-intimat jghix fil-Kunvent fi Triq il-Karmelitani, Fgura, kif jidher mir-Registru Elettorali hawn esebit u mmarkat Dok D;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex irodd lura c-cwievet tal-fond in kwistjoni, l-intimat baqa jirrifjuta u sahansitra iddepozita cedoli ta' depozitu (hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B u C) peress li r-rikorrent gustament irrifjuta il-pagamenti tal-kera;

Illi r-rikorrent kien informa lill-intimat diversi drabi li ma jridx igedded il-kera imma ried il-fond lura imma dan inutilment;

Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi sabiex izomm il-pussess tal-fond in kwistjoni u r-rikorrent ghandu kull dritt u interess li jirriprendi l-pussess tal-fond surreferit;

Illi ghaldaqstant kellha ssir il-prezenti kawza;

Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Bord sabiex joghgobha, slav kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna;

1. Tiddikjara illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond fuq imsemmi illegalment u abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Trodna li l-intimat jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju u jirritornaw il-pussess tal-istess lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Ikkonsidra:

Illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti inghataw lura l-pussess tal-fond mill-intimat u peremzz ta’ nota in atti r-rikorrenti irrinunzjaw ghat-talbiet taghhom izda irrizervaw d-drittijiet taghhom kwantu l-kap tal-ispejjez;

Illi l-intimat ma intavola ebda risposta u finalment irritorna l-pussess tal-fond lis-sidien, u fil-bidu ta’ dawn il-proceduri mill-ewwel iddikjara illi possibilita’ ta’ transazzjoni, kif fil-fatt sehhet fil-mori tal-kawza. Huwa ovvju illi din il-kawza kienet necessitata minhabba l-inadempjenza tal-intimat;

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jaqta u jiddeciedi illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------